Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 280/2017/1

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Carmela Axiaq**
**(appellanti)**

**Vs**

**Carlo Sciberras fil-vesti tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tas-soċjetà Santa Marija u Banda Gorg V**
**(appellat)**

17 ta' Ġunju, 2019.

1. **Ir-rikorrenti appellat minn sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-25 ta' Settembru 2018 dwar talba għall-ħlas ta' danni li sofriet fuq il-vettura tal-assikurata tagħha meta waqgħet bandalora fuqha.**

2. Mill-atti jirriżulta li:-

2.1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fil-15 ta' Ġunju 2017, is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf, ħames mija, erbgħa u ħamsin Ewro, tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,554.83ċ) rappreżentanti d-danni kollha sofferti minn Carmela Axiaq, assikurata tagħha, u li għalihom għamlet tajjeb l-istess soċjetà attriċi bħala indennizz favur l-istess assikurata, wara inċident li seħħ fl-14 ta' Awissu 2016 fil-pjazza tal-knisja tal-Imqabba meta, waqt li l-assikurata Carmela Axiaq kellha l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBL 301, appartenenti lilha, ipparkjata fl-imsemmija pjazza, kien hemm bandalora tal-festa li kienet qed tistrieħ fuq l-istess vettura, liema bandaloraa kienet tappartjeni lill-każin tà Santa Marija, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta` Frar 2017, u bl-imgħax legali b'effett mill-14 ta` Frar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv;

2.2. L-konvenut wieġeb[1] li t-talba għandha tiġi miċħuda billi (i) kwalunkwe danni allegatament subiti seħħew tort unikament ta' Carmela Axiaq billi daħlet tipparkja l-vettura fil-pjazza tal-Imqabba lejlet il-festa ta' Santa Marija f'żona ristretta meta l-istess pjazza kienet magħluqa għat-traffiku u daħlet wara l-barrikati li kienu qed jipprekludu l-aċċess għan-nies bil-karozzi; (ii) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, il-bandalora in kwistjoni tqaċċat b'riżultat ta' riħ qawwi u mhux b'xi nuqqas tas-soċjetà konvenuta u għaldaqstant hija ma tistax tinżamm responsabbli għall-ħsara li ġrat b' forza maġġuri li għaliha ma kellha ebda tort jew kontroll; (iii) mingħajr preġudizzju wkoll, l-attriċi għandha ġġib prova tad-danni billi l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

2.3. B' sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru 2018, it-Tribunal iddeċieda billi filwaqt li ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine u astjena milli jieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, laqa' t-tieni eċċezzjoni u konsegwentement ċaħad it-talba attriċi.

3. Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza. L-aggravju tagħha jikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal kien fattwalment u legalment skorrett meta laqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u kkonkluda li l-bandalora in kwistjoni tqaċċat b'riżultat ta' riħ qawwi (forza maġġuri) u mhux b'xi nuqqas tas-soċjetà Santa Marija rappreżentata mill-appellat. Tgħid illi hemm raġunijiet gravi sabiex din il-Qorti tiddisturba kemm l-apprezzament tal-provi kif ukoll il-konsiderazzjonijiet legali magħmula mill-imsemmi Tribunal. Talbet għalhekk lil din il-Qorti:

> '*sabiex, filwaqt illi tikkonferma l-parti tas-sentenza hawn appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-25 ta' Settembru 2018 fl-ismijiet fuq premessi fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat appellat, tirriforma l-istess sentenza appellata billi tħassar il-parti fejn intlaqgħet it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat appellat u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat in toto u konsegwentement, in vista tal-argumenti hawn magħmula, tikkundanna lill-imsemmi intimat iħallas lis-soċjetà esponenti d-danni kollha minnha subiti, ammontanti għal elf ħames mija erbgħa u ħamsin ewro tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,554.83), bl-imgħax legali b'effett mill-14 ta' Frar 2017 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess intimat-appellat.'*

4. L-appellat wieġeb li l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza tat-Tribunal ikkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

[1] Fol. 9.

**Konsiderazzjonijiet.**

5. Il-kumpannija appellanti ilmentat li t-Tribunal kien fattwalment u legalment skorrett meta laqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u kkonkluda li l-bandalora in kwistjoni tqaċċtet b'riżultat ta' riħ qawwi (forza maġġuri) u mhux b'xi nuqqas tas-soċjetà Santa Marija rappreżentata mill-appellat. L-appellanti speċifikament tilmenta illi t-Tribunal:

(i) naqas għal kollox milli jikkunsidra l-provi fit-totalità tagħhom, fosthom id-depożizzjoni tal-intimat innifsu li saħaq li, '*jiena nieħu ħsieb nara l-previżjonijiet tat-temp għal dawk il-ġranet tal-festa biex nara jkunx hemm il-ħtieġa minħabba riħ jew elementi oħra li jkun qed jingħad li ser ikun hemm li nneħħi l-armar jew nagħmel affarijiet oħra. F' dan il-każ ma kienx hemm previżjonijiet bħal dawk u allura m'għamilt xejn*'[2];

(ii) m'applikax l-ġurisprudenza fl-interpretazzjoni tad-difiża tal-forza maġġuri skont liema din id-difiża tista' tirnexxi biss f' kundizzjoni ta' inevitabilità. Dan irid jiġi ppruvat mill-konvenut. Tgħid iżda li l-ebda prova ma tresseqt f' dan is-sens, anzi, l-provi prodotti jirriżulta li la kien hemm maltempata u lanqas xi riħ qawwi li fil-ħin tal-akkadut kien ta' 9.6 knots ekwivalenti għal '*gentle breeze' / 'rih moderat'* u buffuri li '*jikkalmaw malajr'* tant illi l-appellat ma ħass ebda ħtieġa li jneħħi l-armar tal-festa mill-pjazza. Iżżid li filfatt, l-ebda bandalor tal-festa ieħor ma waqa'. Il-każ fortuwitu, il-forza maġġuri u l-istat ta' neċessità ma jeħilsux mir-responsabbilità għad-danni jekk ikunu preċeduti minn ħtija ta' min ikkaġuna d-danni. Skont il-prinċipju tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhuwiex biżżejjed li l jkun avveniment insolitu u sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias;*

(iii) it-talbiet tagħha huma bbażati fuq il-prinċipju ta' *res ipsa loquitur*, ossija, l-inċident jitkellem għalih innifsu u min-natura tiegħu stess jimplika forma ta' negliġenza u nuqqas ta' diliġenza mill-parti tal-intimat. Li kieku ma kienx hekk l-inċident ma kienx iseħħ. Għalhekk huwa dmir ta' min ikkaġuna l-fatt dannuż li jipprova li ma kellux ħtija f' li ġara.

6. Hu magħruf li din il-qorti m'għandhiex faċilment tiddisturba l-evalwazzjoni tal-provi li tkun saret fl-ewwel stadju, sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi.[3]

---

[2] Enfażi tal-appellanti.
[3] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.

7. L-appellat isostni li mhuwiex il-każ li hemm raġunijiet gravi li jimmeritaw ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal. Igħid li l-fatt li t-Tribunal ma semmiex parti mix-xhieda ta' Carlo Sciberras li l-appellanti tagħmel riferenza għaliha fir-rikors tal-appell ma jfissirx li l-istess ma ġietx ikkunsidrata mit-Tribunal. Wieġeb ukoll li l-appellanti tibbaża ruħha fuq asserzjonijiet fiergħa li mhux sorretti mill-provi.

8. Fil-każ fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc (C5553) et vs Waldorf Auto Services Co. Limited***, deċiża fis-17 ta' Novembru 2017, din il-Qorti saħqet:

> *'Il-forza maġġuri hi dik il-forza li hu mpossibbli li wieħed jirreżisti għaliha. Il-prova tal-forza maġġuri kellha ssir mill-konvenuti. Kif tajjeb qal it-Tribunal fil-proċeduri fl-ismijiet **A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et** bin-numru 536/2014 li għalihom għamel referenza fid-deċiżjoni appellata, il-ġurisprudenza tipprovdi li sabiex tirnexxi d-difiża tal-forza maġġuri f'kawża għad-danni, iridu jikkonkorru kemm l-elementi tal-imprevedibilità kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjetà. Fi kliem ieħor, l-avveniment irid ukoll ikun irreżistibbli bl-użu tad-debita kura, ossija, bl-eżerċizzju tad-dilġenza ta' bonus pater familias. Il-Qorti tal-Appell qablet ukoll li huwa imprevedibbli għall-liġi dak li ordinarjament ma jiġrix u mhux dak li qatt ma ġara bħalu qabel. Għal dak li jirrigwarda t-tieni element, fis-sentenza **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et** tal-24 ta' April, 2015, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:*
>
> > *".... il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus paterfamilias".*
>
> *15. Meta t-Tribunal ġie biex japplika l-prinċipji surriferti għall-każ odjern, deherlu li l-konvenuti ma setgħux jirnexxu fid-difiża tagħhom għaliex l-lokalità fejn tinsab ix-showroom hi notorjament magħrufa għall-flooding u għalhekk l-konvenuti kellhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex din il-kwistjoni ta' flooding ma jkollhiex effett, jew almenu, tnaqqas drastikament l-effetti ta' l-għarar. Isegwi, skont it-Tribunal, li falla kemm il-kriterju tal-imprevedibilità kif ukoll it-test tal-irreżistibilità.*
>
> *16. Kif ingħad aktar 'l fuq, għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet.*
>
> *... Sabiex jissussisti l-casus l-event irid ikun irreżistibbli.*
>
> *... Il-qorti mhijiex konvinta li ma kienx hemm x'tagħmel.'*

9. L-art. 1029 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

> *'1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.'*

10. Huwa paċifiku li <u>l-oneru tal-prova</u> li l-fatt dannuż kien konsegwenza ta' avveniment insolitu u sproporzjonat, prodott mill-forzi tan-natura u inevitabbli

b'mod li ma setax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias* kien fuq il-konvenut. Wara li l-qorti qrat l-atti m'għandhiex dubju li l-konvenut m'għamix dik il-prova ma saritx.

11. Ħadd mill-partijiet jew mix-xhieda ma ra l-inċident iseħħ. Hu l-appellat, skont ma qal li qalulu n-*'nies'*, li assuma li l-bandalora li waqgħet fuq is-saqaf tal-vettura tal-assikurata tal-appellanti minħabba buffura riħ li qaċċtet l-antarjola tal-ħadid li magħha kienet marbuta l-istess bandalora b'ħabel ma' arblu ta' madwar ħamsa u għoxrin pied. Iżda ħadd minn dawk in-nies ma tressaq bħala xhud.

12. Skont ir-rapport reġistrat minn Carmela Axiaq mal-Pulizija, l-inċident ġara bejn id-9:45 u l-10:00 ta' filgħodu fl-14 ta' Awissu 2018.[4] L-appellat stess ikkonferma li l-previżjonijiet tat-temp għal dak inhar kienu tajbin u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li jneħħi l-armar minħabba r-rih jew elementi oħra. Joseph Schiavone,[5] kap tal-uffiċċju meterjoloġiku, ippreżenta r-readings li ttieħdu *Hal Luqa*[6] dakinhar. Fil-ħin tal-inċident il-veloċità tar-riħ kienet ta' 9.6 kt u ftit wara, għall-ħabta tal-11:00 għoliet għal 11.6 kt li huwa kklassifika bħala **moderat**. Għalhekk altrú milli r-riħ waħdu kien kapaċi jqaċċat antarjola tal-ħadid ! Kieku dan kien il-każ, wieħed jifhem li l-istess riħ kien iħalli ħerba sħiħa fil-pjazza u possibilment jikkawża ħsarat oħra fl-istess pjazza u fil-madwar. Tali prova ma saritx. Il-qorti żżid li mir-ritratt li hemm fl-atti, jidher biċ-ċar li l-antarjola li tqaċtet ma kinitx ġdida. Fil-fatt fuq l-antarjola jidhru wkoll sinjali ta' *corrosion*. Dan apparti li m'hemm l-ebda prova teknika li dik it-tip ta' antarjola kienet adattata għad-daqs tal-bandalora li waqgħet fuq il-vettura.

13. Il-qorti żżid li fil-fehma tagħha l-fatt li x-xufier tal-vettura pparkjat taħt il-bandalora, mhu ta' ebda konsegwenza. M'hemmx prova li Axiaq ipparkjat il-vettura f'post projbit. Il-qorti ma taqbel xejn mat-Tribunal li osserva li Carmela Axiaq, *"naqset mid-diliġenza u l-prudenza ordinarja meta pparkjat il-vettura tagħha eżatt ma' arblu li miegħu kien hemm marbuta bandalora tant kbira u tqila, f'ġurnata meta jirriżulta li r-riħ kien jinħass jonfoħ"*. B'dak it-tip ta' raġunament jekk persuna inzertat miexja fit-triq u ntlaqtgħet mill-bandalora, ikun ifisser li għamlet ħażin timxi ma' gemb l-arblu li fuqha kienet imwaħħla l-bandalora. Raġunament li għall-qorti m'hemmx post għalih. Fil-fehma tal-qorti lanqas ma kien prevedibbli għal Axiaq li jekk tipparkja ma' gemb l-arblu, il-bandalora kienet ser taqa' fuq il-vettura tagħha. Iċ-ċittadin għandu dritt jippretendi li min ikun

---

[4] Fol. 28.
[5] Fol. 36 – 37.
[6] Dok JS1 a fol. 38.

għamel l-armar tal-festa fit-triq pubblika, ikun ha l-prekawzjonijiet kollha għas-saħħa u sigurta' tal-utenti kollha tat-triq.

14. Kien id-dmir tal-appellat li tiżgura li l-bandalora kienet f'kundizzjoni tajba li setgħet titwaħħal u l-komponenti tagħha kienu in *pristine condition* u mhux ta' periklu għal terzi. Dan iktar u iktar f'dan il-każ meta tqies il-kobor tal-bandalora u l-għoli li kienet mill-art. Hu fatt magħruf li Malta jagħmel ir-riħ. Għall-qorti m'huwiex biżżejjed li jingħad li l-*forecast* tat-temp kien li dakinhar ma kienx ser ikun riħ. Min jagħmel armar tal-festi għandu jiżgura li l-oġġetti li jarma fit-toroq huma fl-aħjar kundizzjoni u jifilħu għall-elementi. Dan apparti li lanqas ma rriżulta li qabel sar l-armar tal-festi kien sar *risk assessment* sabiex jiġi determinat kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji li jaqgħu oġġetti li jkunu qegħdin f'ogħli. Il-qorti fehmet ukoll li kif falliet l-antarjola, waqgħet il-bandalora. Għall-qorti dan ifisser li ma kienx hemm *safety features* oħra li jifformaw parti mill-bandalora, biex ma jiġrix dak li fil-fatt ġara. Dan hu nuqqas ieħor li jrid iwieġeb għalih l-appellat, iktar u iktar meta tikkunsidra l-kobor u t-toqol tal-bandalora u l-ogħli li kienet mill-art.

15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti mingħajr eżitazzjoni tiddikjara li l-konvenut ma tax prova li dak li ġara kien minħabba forza magguri.

16. Fir-rigward tad-danni, mill-atti jirriżulta li ġew ippruvati.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, il-qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza tat-Tribunal għal-Talbiet Żgħar tal-25 ta' Settembru, 2018 billi tħassar dik il-parti li laqat it-tieni eċċezzjoni tal-appellat u tiċħad it-tieni eċċezzjoni. Inoltre, tilqa' t-talba tal-appellanti u tikkundanna lill-appellat iħallasha s-somma ta' elf ħames mija u erbgħa u ħamsin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,554.83), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali.**

**Spejjeż kollha a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.